**Emenda 236**
**João Ferreira, Sandra Pereira**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A9-0196/2020**
**Cristian-Silviu Buşoi**
Programm ta' azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa għall-perjodu 2021-2027 ("il-Programm l-UE għas-Saħħa")
(COM(2020)0405 – C9-0152/2020 – 2020/0102(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (1) ***il-protezzjoni tan-nies*** fl-Unjoni minn ***theddid transfruntier serju*** għas-saħħa; | (1) ***it-titjib u t-trawwim tas-saħħa fl-Istati Membri u*** fl-Unjoni***, billi jingħata appoġġ lil-promozzjoni tas-saħħa u l-prevenzjoni tal-mard u tiġi żgurata kapaċità addizzjonali adegwata b'reazzjoni għall-kriżijiet tas-saħħa, jitnaqqsu l-inugwaljanzi fis-saħħa u jiġi żgurat aċċess ugwali u sħiħ*** għas-saħħa; |

Or. en

4.11.2020 A9-0196/237

**Emenda 237**
**João Ferreira, Sandra Pereira, Marc Botenga**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A9-0196/2020**
**Cristian-Silviu Buşoi**
Programm ta' azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa għall-perjodu 2021-2027 ("il-Programm l-UE għas-Saħħa")
(COM(2020)0405 – C9-0152/2020 – 2020/0102(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) it-tisħiħ tas-sistemi tas-saħħa u tal-forza tax-xogħol fil-qasam tal-kura tas-saħħa, inkluż permezz ta' trasformazzjoni diġitali ***u permezz ta'*** xogħol iktar integrat u koordinat fost l-Istati Membri, implimentazzjoni sostnuta tal-aħjar prattiki u ***l-kondiviżjoni tad-data, sabiex*** jogħla l-livell ġenerali tas-saħħa pubblika. | (3) it-tisħiħ tas-sistemi tas-saħħa ***pubblika*** u ***s-sostenibbiltà tagħhom, kif ukoll*** il-forza tax-xogħol fil-qasam tal-kura tas-saħħa, inkluż permezz ta' ***kundizzjonijiet tax-xogħol ta' kwalità għolja,*** trasformazzjoni diġitali***,*** xogħol iktar integrat u koordinat fost l-Istati Membri, ***inkluż fil-livell nazzjonali, reġjonali u lokali,*** implimentazzjoni sostnuta tal-aħjar prattiki u ***kondiviżjoni ta' data komparabbli u interoperabbli, bl-għan li*** jogħla l-livell ġenerali tas-saħħa pubblika***, jiżdied l-għarfien dwar is-saħħa u s-sistemi tas-saħħa jsiru aktar reżiljenti u responsivi***. <br>*(It-test f'din l-emenda – "sistemi tas-saħħa pubblika" – japplika fit-test kollu fejn issir referenza għas-"sistemi tas-saħħa". L-adozzjoni tagħha timponi adattamenti tekniċi fit-test kollu.)* |

Or. en


Magħquda fid-diversità

**Emenda 238**
**Marc Botenga**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A9-0196/2020**
**Cristian-Silviu Buşoi**
Programm ta' azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa għall-perjodu 2021-2027 ("il-Programm l-UE għas-Saħħa")
(COM(2020)0405 – C9-0152/2020 – 2020/0102(COD))

**Proposta għal regolament**
**Artikolu 4 – paragrafu 1 – punt 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) l-għoti ta' appoġġ lill-azzjonijiet li jiżguraw id-disponibbiltà, l-aċċessibbiltà u l-affordabbiltà xierqa tal-prodotti relevanti għall-kriżi u ta' provvisti oħra tas-saħħa neċessarji***;*** | (3) l-għoti ta' appoġġ lill-azzjonijiet li jiżguraw id-disponibbiltà, l-aċċessibbiltà u l-affordabbiltà xierqa tal-prodotti relevanti għall-kriżi u ta' provvisti oħra tas-saħħa neċessarji***, inkluż il-ħolqien ta' impriża farmaċewtika pubblika waħda jew aktar – mingħajr skop ta' qligħ – li topera jew joperaw fl-interess pubbliku għall-manifattura ta' prodotti mediċinali essenzjali;*** |

Or. en



Magħquda fid-diversità

**Emenda 239**
**João Ferreira, Sandra Pereira, Marc Botenga, Manuel Bompard**
f'isem il-Grupp GUE/NGL

**Rapport** **A9-0196/2020**
**Cristian-Silviu Buşoi**
Programm ta' azzjoni tal-Unjoni fil-qasam tas-saħħa għall-perjodu 2021-2027 ("il-Programm l-UE għas-Saħħa")
(COM(2020)0405 – C9-0152/2020 – 2020/0102(COD))

**Proposta għal regolament**
**Anness I – punt i – punt via (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
| --- | --- |
| | ***(via) appoġġ għal azzjonijiet li jiżguraw li, f'każ ta' nuqqas ta' mediċini, il-privattivi farmaċewtiċi ma jkunux ta' ostaklu għall-aċċess għad-dijanjostika, it-terapewtika u l-vaċċini, għall-akkwist ta' provvisti jew għall-bini tal-kapaċità tal-produzzjoni, u appoġġ għal azzjonijiet li jippermettu trasparenza dwar il-finanzjament tar-riċerka u l-iżvilupp;*** |

Or. en



Magħquda fid-diversità